

## III

(Atti preparatorji)

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-23 ta' Mejju 2013

dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(CON/2013/35)

(2013/C 176/03)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-16 ta' Mejju 2013, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 128(2), l-Artikolu 133 u l-Artikolu 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress illi r-regolament propost jirrigwarda d-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

**Skop u kontenut**

Ir-regolament propost fil-biċċa l-kbira jirriproduċi l-kontenut tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni <sup>(2)</sup>, u tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet stipulati fl-Opinjoni tal-BĊE CON/2011/18 <sup>(3)</sup> biex jiġi emendat l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 u l-Anness I tiegħu, u biex titħassar il-premessa 13.

B'mod partikolari, l-emendi jissostitwixxu l-valuri eżistenti kollha relatati mal-ħxuna tal-muniti fit-tabella li tinsab fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 975/98 bil-valuri tal-ħxuna vera tal-muniti tal-euro. Dawn il-valuri huma magħrufa sew u użati bħala valuri ta' referenza miz-zekek biex jipproduċu muniti tal-euro.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

Il-BĊE jilqa' din l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi fformulat mill-ġdid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 peress li r-regolament propost iqis u jinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-BĊE preċedenti fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Mejju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

<sup>(1)</sup> COM(2013) 184 final.

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6.

<sup>(3)</sup> Opinjoni CON/2011/18 tal-4 ta' Marzu 2011 dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, (ĠU C 114, 12.4.2011, p. 1). L-opinjoni jkollha tal-BĊE huma ppubblikati fil-websajt tal-BĊE fuq <http://www.ecb.europa.eu>